XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 427*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 55*
*Il-Ġimgħa 08 ta' Lulju, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.15pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| | *Mr. Teddy Mizzi* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Skużata:* | *Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numri 425 u 426 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

## 1. Mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 425

**Paragrafu 8 xi – Mill-Korrispondenza:** Is-Sindku pproponiet li niktbu ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Dr Chris Said biex ninfurmawh li l-Mepa ma approvatx l-applikazzjoni dwar tisbiħ ta' Triq il-Manwala. Il-Kunsill mhux qed jaqbel mad-deċiżjoni tal-Mepa u għalhekk din għandna tiġi rikonsidrata. Il-Kunsill kien applika biex din il-parti li fil-preżent hemm ftit siġar tal-palm u ħafna ħaxix ħażin, titnaddaf, isir pavimentar, jeħlu ftit bankijiet u dwal dekorattiv. B'hekk ukoll jieqfu l-abbużi ta' tfigħ ta' skart li ta' spiss ikun hemm f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-42

## 3. Materja oħra

i. F'dan il-ħin preżenti kien hawn John Vella ta' Plot 55 Triq is-27 ta' Novembru 1678, ix-Xewkija. John Vella ilmenta mal-Kunsill għal fatt li residenti oħra qed jipparkjaw l-vetturi tagħhom eżatt ma' ġenb il-bieb tal-garaxx tiegħu bil-konsegwenza li huwa mhux qed ikun jista' joħroġ il-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta biex isiru sinjali sofor (metru u nofs) fuq kull naħa tal-garaxx.

ii. Maria Vella ta' 60 Triq San Bert, ix-Xewkija ilmentat mal-Kunsill għal fatt li residenti oħra qed jipparkjaw l-vetturi tagħhom eżatt ma' ġenb il-bieb tal-garaxx tagħha bil-

XEWKIJA

konsegwenza li hija ma tkunx tista' toħroġ il-vettura tagħha. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta biex isiru sinjali sofor (metru u nofs) fuq kull naħa tal-garaxx.

iii. Emmanuel Attard ta' 33, Triq il-Kav. L. Z. Haber, ix-Xewkija talab biex jingħata l-materjal biex jirranġa l-bankina tiegħu peress li dik li għandu tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal biex ikun jista' jirranġa l-bankina.

iv. Joe Xuereb ta' 8, Triq Ċappelli, ix-Xewkija talab lill-Kunsill biex ineħħi bankina li kienet saret fl-istess triq faċċata tad-dar tiegħu. Huwa informa lill-Kunsill li konsegwenza tal-bankina u peress li t-triq hija dejqa, mhux qed ikun jista' jidħol/joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li mmorru fuq il-post u naraw eżattament x'inhi l-problema li għandu Joe Xuereb.

v. Is-Sindku ppproponiet lill-Kunsill li jibda l-proċess sabiex jinstab post fejn jinbena mill-ġdid it-Torri Gorgion. Dan għandu jinkludi miegħu ċentru ċiviku. Il-Kunsill iddiskuta dwar xi postijiet fejn jista' jinbena t-Torri Gorgion. Is-Sindku ppproponiet li dan jista' jinbena fl-inħawi Tal-Ħamrija, faċċata ta' Triq l-Ibisku peress li din hija art tal-Gvern u l-Kunsill diġa talab għad-devoluzzjoni tagħha biex jinbena Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta u qabel li għandhom jibdew tħejjijiet sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa għal kull min huwa interessat biex jipprepara disinn artistiku ta' dan il-proġett.

vi. Dolores Vella ta' 35 Triq Sant'Indrija talbet li tingħata ftit materjal biex rampa li għandha mal-post tagħha titneħħa u ssir bankina. Il-Kunsill qabel li nagħtuha l-materjal biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

vii. Nazzareno Calleja ta' 12 Triq Santa Katerina ilmenta mal-Kunsill għal fatt li residenti oħra qed jipparkjaw l-vetturi tagħhom faċċata tal-bieb tal-garaxx tiegħhu bil-konsegwenza li ma jkunx jista' joħroġ il-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta biex isiru sinjali sofor (metru u nofs) fuq kull naħa tal-garaxx. Il-Kunsill ma qabilx li s-sinjali sofor għandhom isiru faċċata tal-garaxx tiegħu.

viii. Esther Bajada ta' 86, Triq San Bert, ilmentat mal-Kunsill dwar il-problema tal-ilma tax-xita li hemm fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li mmorru fuq il-post biex naraw eżattament x'inhi l-problema u kif tista' tissolva.

ix. Rita Grima ta' 38, Triq Ċanga, talbet lill-Kunsill sabiex isir spazju fejn ma jkunux jistgħu jipparkjaw il-karozzi quddiem il-bankina tagħha peress li mhux tkun tista' tinżel/titla' mill-bankina meta jkun hemm karozzi ipparkjati. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta biex isiru sinjali sofor jew 'Keep Clear' quddiem il-bankina tagħha.

x. Emmanuel Cauchi ta' 36, Triq Ċanga, ilmenta mal-Kunsill dwar pots ta' xtieli li hemm fuq il-bankina ta' Triq Ħamrija. Huwa qal li dawn qed ikunu ta' ostakolu għal min ikun miexi fuq il-bankina. Il-pots huma ta' residenti li joqgħodu f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill ma qabilx li dawn għandhom jitneħħew għar-raġuni li l-bankina wiesgħa ħafna u għalhekk hemm spazju biżżejjed għal min ikun miexi.

xi. Salvu Pace ta’ 57, Triq Manwala, talab sabiex jingħata materjal biex jirranġa l-bankina tiegħu peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal biex ikun jista’ jirranġa l-bankina.

xii. Joseph Rapa ta’ 25 Triq Ħamsin ilmenta mal-Kunsill għal fatt li residenti oħra qed jipparkjaw l-vetturi tagħhom faċċata tal-bieb tal-garaxx tiegħhu bil-konsegwenza li ma jkunx jista’ joħroġ il-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma’ Transport Malta biex isiru sinjali sofor (metru u nofs) fuq kull naħa tal-garaxx. Il-Kunsill ma qabilx li s-sinjali sofor għandhom isiru faċċata tal-garaxx tiegħu.

xiii. Francis Attard ta’ 26 Triq Santa Katerina, ilmenta dwar ħsara li saritlu fil-bieb ta’ garaxx tiegħu fi żmien il-festa. Il-garaxx qiegħed fi Sqaq fi Triq Santa Katerina. Francis Attard ippropona sabiex fi żmien il-festa, dan l-isqaq (li jinsab faċċata tal-Każin tal-Banda Prekursur) jingħalaq b’xatba u b’hekk jinqatgħu l-abbużi f’dawn l-inħawi. Il-Kunsill ma qabilx li jagħlaq l-isqaq b’xatba. Il-Kunsill qabel li fil-futur għandu jerġa’ jiddiskuti dwar x’jista’ jsir biex din il-problema tissolva.

xiv. Sarah Grima ta’ ‘Ta’ Salvu’, Triq San Publiju, ix-Xewkija ilmentat mal-Kunsill għal fatt li residenti oħra qed jipparkjaw l-vetturi tagħhom eżatt ma’ ġenb il-bieb tal-garaxx tagħha bil-konsegwenza li hija ma tkunx tista’ toħroġ il-vettura tagħha. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma’ Transport Malta biex isiru sinjali sofor (metru u nofs) fuq kull naħa tal-garaxx.

xv. Is-Sindku qalet li kellha proposta li saret mill-Local Wardens biex ir-Reserved Parking li hemm fi Triq il-Mitħna jitpoġġa man-naħa l-oħra tat-triq, għall-anqas sakemm idum għaddej ix-xogħol fi Triq Mġarr. Fi Triq il-Mitħna jipparkjaw fuq naħa waħda u għalhekk dan ir-Reserved Parking għandu jsir in-naħa fejn jipparkjaw il-vetturi. Bħalissa dan qiegħed man-naħa l-oħra bil-konsegwenza li qed jimblokka t-traffiku l-aktar bħalissa li ħafna mit-traffiku qed jgħaddi minn hemm. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta dwar din il-proposta.

xvi. Is-Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba ppproponew li titpoġġa board b’tagħrif dwar ix-xogħlijiet li qed iwettaq il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta. Għandhom isiru proposti fejn għandha teħel din il-board. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru proposti għand min se tiġi ordnata din il-board.

xvii. Is-Sindku ppproponiet li nitolbu lill-Transport Malta sabiex vetturi kbar ma jibqgħux jgħaddu minn Triq tal-Ħamrija, iżda jgħaddu miz-zona industrijali. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u għalhekk se tintalab l-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

xviii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li qed ikun hemm vetturi li jibqgħu għaddejjien kontra l-‘one way’ li hemm fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku ppproponiet sabiex niktbu lill-Uffiċċjal Awtorizzat sabiex il-Gwardjani Lokali jagħmlu aktar sorveljenza ta’ din it-triq u b’hekk dawn l-abbużi jinqatgħu. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

xix. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li fl-inħawi fejn kien hemm mibni t-Torri Gorgion għad hemm xi fdalijiet tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li fil-futur għandu jerġa' jiddiskuti dan is-suġġett aktar fid-dettal.

xx. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li kienu avviċinawh tal-Għaqda Drammatika tax-Xewkija u qalulu li għal San Ġwann Qtugħ ir-Ras huwa maħsub li jtellgħu produzzjoni. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-Għaqda Drammatika biex jitfassal programm ta' attivitajiet.

xxi. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li kien hemm residenti li ilmentaw miegħu dwar il-fatt li l-Gvern kien se jieħu l-art tagħhom (raba') fl-inħawi ta' Triq Mġarr. Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu lid-Dipartiment tal-Artijiet u nitolbu informazzjoni għar-raġuni għalfejn din l-art se tittieħed mill-Gvern. B'hekk inkunu nistgħu ninfurmaw lir-residenti.

xxii. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li l-Għaqda tal-Armar kienu avviċinawh dwar il-bżonn li hemm biex jinxtraw xi arbli li jintużaw għall-armar tal-festa. Peress li l-Kunsill juża' arbli ta' din l-għaqda meta jkun qed jagħmel xi attivita tiegħu bħall-karnival, Fiori D'Argenta, tiżjin tal-Milied u oħrajn, il-Kunsill qed jikkonsidra li jixtri sett ta' arbli biex jeħlu fil-pjazza jew fejn tkun ser issir l-attivita.

**<u>4. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. A&E Mintoff Ltd informa lill-Kunsill li huwa ma kienx qed jaqbel mal-kont finali li għamel il-Perit Edward Scerri dwar il-bini ta' latrina pubblika fi Triq tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jġib id-dettalji ta' fejn mhux qed jaqbel u b'hekk dawn jiġu diskussi mal-Perit.

ii. Joe Louis Caruana, li kien tefa' kwotazzjoni dwar il-PA System għall-attivita tal-Fiori D'Argenta, talab ir-rapport tal-Inginier dwar il-kwotazzjoni tal-istess PA System. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Inġinier kien ġie kkuntattjat iżda ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jagħmel rapport. L-Inġinier kien ippropona lill-Kunsill sabiex tingħażel l-kwotazzjoni ta' dak il-kuntrattur li qed joffri PA System skond il-bżonnijiet tal-grupp (Red Electrik) u b'hekk huma jkunu jistgħu jagħtu l-performance tagħhom bl-aħjar mod possibbli.

iii. Joseph Tabone mid-Dipartment għall-Gvern Lokali talab informazzjoni dwar il-Kwotazzjoni imsemmija hawn fuq, jiġifieri dwar il-PA System għall-attivita tal-Fiori D'Argenta. Il-Kunsill qabel li s-Sur Tabone jista' jieħu l-informazzjoni kollha dwar il-proċess ta' din il-kwotazzjoni minn fuq il-Minuti tal-Kunsill. Kif spjegat aktar 'l fuq, il-kwotazzjoni li għażel l-Kunsill kienet l-unika kwotazzjoni li kienet tissodisfa l-bżonnijiet kollha li kellu l-grupp Red Electrik u kienet skond l-ispeċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet kollha mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill ma setax jieħu riskju u jagħżel kwotazzjoni oħra peress li l-Ġimgħa 10 ta' Ġunju, l-ewwel ġurnata ta' attivitajiet ta' Fiori D'Argenta, kienu se jipparteċipaw kemm il-grupp Red Electrik kif ukoll is-Soċjeta Filarmonika Prekursur bi spazju ta' ftit minuti bejniethom. Għalhekk filgħodu riedu jsiru s-sound checks tal-grupp. Dawn setgħu isiru biss billi l-Kunsill għażel il-PA

System skond l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-grupp Red Electrik. Permezz ta' din is-sistema ma kienx hemm problemi biex filgħaxija l-ewwel isir il-programm mużikali mis-Soċjeta Filarmonika Prekursur u ftit minuti wara setgħu jibdew ix-show tagħhom il-grupp Red Electrik mingħajr ma jkun bżonn li jerġa' isir is-sound check peress li kien diġa sar filgħodu u kien kollu programmat fuq is-sistema.

iv. Godwin Azzopardi mill-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi informa lill-Kunsilli dwar Logħob fil-baħar u fuq l-art li se jiġi organizzat aktar tard dan is-sajf, fix-Xlendi. Huwa jixtieq li jsir logħob kompetittiv bejn l-irħula. Għalhekk qed jissuġġerixxi li kull raħal ikun rappreżentat. Il-parteċipanti jridu jkunu żgħażagħ ta' bejn is-16 u 30 sena. Il-Kunsill qabel li nagħmlu avviżi biex minn huwa interessat li jipparteċipa jinkiteb mal-Kunsill.

v. Memo 58/2011 titratta dwar proġett pilota fejn ħames Kunsilli Lokali (fosthom tax-Xewkija) ser ikunu jistgħu jagħżlu persuna b'diżabilita' biex taħdem mal-Kunsill għal sena. Din l-iskema qed issir biex aktar persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jsibu post tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li ninnominaw lil Joseph Borg li joqgħod Triq Ħaġret L-Armi, ix-Xewkija.

vi. Joseph Attard, Segretarju ta' Xewkija Tigers FC informa lill-Kunsill li l-Kumitat tiegħu qed jaħdem biex it-training ground jingħata wiċċ ta' ħaxix artifiċjali. L-ispiża biex dan il-proġett iseħħ hija ta' madwar €223,802. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet attendiet għal-laqgħa ġenerali ta' Xewkija Tigers FC u kienet ġiet infurmata dwar dan il-proġett. Xewkija Tigers FC diġa ġabu għajnuna minn għand entitajiet oħra. Il-Kunsill qabel li aktar 'l quddiem niltaqgħu magħhom u nitolbuhom jinfurmawna x'ġabru mill-ispejjeż sa issa u l-Kunsill jara fejn ikun jista' jgħin minn naħa tiegħu wkoll.

vii. Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti dwar is-servizz il-ġdid tat-trasport pubbliku operat mill-Arriva. Il-Kunsill qatt ma kien ġie konsultat dwar ir-rotot il-ġodda u qatt ma ngħata nformazzjoni minn fejn se jgħaddu. Il-Kunsill qatt ma ħaseb li r-rotot kienu se jonqsu anzi, il-Kunsill kien qed jistenna li r-rotot kellhom jiżdiedu biex dan is-servizz ikun aktar effiċjenti. Ir-rotot saru minn Transport Malta mingħajr qatt ma kkonsultaw mal-Kunsill. B'dispjaċir u diżappunt kbir il-Kunsill qed jinnota li l-pubbliku qed ikun infurmat li l-Kunsill kien konxju minn dawn ir-rotot il-ġodda u li l-Kunsill ma' għamilx oġġezzjoni għalihom. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu ittra lill-Trasnport Malta fejn nitolbu li ssir laqgħa urġenti dwar dan is-suġġett biex din is-sitwazzjoni titranġa fl-iqsar żmien possibbli. Is-Sindku pproponiet ukoll li niktbu ittra lir-residenti kollha tax-Xewkija fejn nispjegawlhom kif ġraw l-affarijiet u b'hekk kulħadd ikun infurmat tajjeb. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

viii. Alison Said ta' Triq l-Għarus, talbet lill-Kunsill biex jekk huwa possibbli x-xogħlijiet ta' tarmak fi Triq l-Għarus ma jibdewx qabel it-3 ta' Settembru peress li hija kienet se tiżżewweġ u għalhekk jekk it-triq tkun maqlugħa, dan ikun ta' inkonvenjent għaliha. Il-Kunsill qabel li għandu jsir pjan ta' ħidma u jingħata lill-kuntrattur biex jimxi miegħu u b'hekk kemm jista' jkun nevitaw kull inkonvenjent lir-residenti kollha.

*(F'dan il-ħin id-8.45pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal-laqgħa u ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

ix. Maureen Micallef ta' Magro Bros talbet informazzjoni dwar il-programm Konfini mill-Pjazza li se jixxandar mix-Xewkija. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet talbet sponsor lil Magro Bros u għalhekk se tieħu ħsieb u tikkuntattja lil Maureen Micallef dwar dan.

x. Memo 56/2011 titratta dwar taħriġ għal dawk responsabbli mill-playing fields. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tirrappreżenta lill-Kunsill tagħna.

xi. Il-KNPD talbu nformazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill mal-Mepa biex jiġi nstallat lift fi Pjazza San Ġwann Battista biex il-latrina pubblika tkun aċċessibbli. Il-Perit Saliba se jiġi mitlub biex jibgħat l-informazzjoni meħtieġa.

xii. Clifford Vella nforma lill-Kunsill li għadu kif ippubblika ktieb dwar l-istorja ta' kull mitħna tal-qamh u fosthom dwar il-mitħna tax-Xewkija. Il-prezz tal-ktieb huwa ta' €12.50 u jekk jiġu ordnati aktar minn tlieta, jingħata wieħed b'xejn. Il-Kunsill qabel li nordnaw erba' kotba u għalhekk ningħataw ħamsa.

xiii. Memo 52/2011 titratta dwar kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali b'konnessjoni mal-Car Free Day. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw fil-Car Free Day billi tingħalaq għat-traffiku l-Pjazza San Ġwann Battista kif isir meta tkun il-festa jew xi attivita oħra. B'hekk f'dik il-ġurnata l-pjazza tkun ħielsa mit-traffiku kollu.

xiv. L-Inġinier Jonathan Scerri ta' Econing Eng. Cons. Ltd. bagħat l-ispeċifikazzjonijiet biex il-Kunsill ikun jista' joħroġ sejħa għall-offerti għal panelli fotovoltajiċi. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-offerti. Il-Kunsill se jieħu fondi speċjali mill-iskema dwar enerġija alternattiva.

xv. Aldo Formosa mill-Meusac informa lill-Kunsill dwar proposta biex il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex japplikaw għal fondi mill-Ewropa dwar Life+Programme. Jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata l-Kunsilli li jipparteċipaw ser ikollhom il-proġett ko-finanzjat sa 50%. Is-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali ser ikun qed jassisti finanzjarment f'dan il-proġett u għalhekk l-ammont li kull Kunsill Lokali jrid joħroġ huwa ta' madwar €8,333 għal kull sena. Il-proġett idum għaddej sentejn. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal dan il-programm u għalhekk is-Sindku se tkun qed tikkordina mal-Meusac biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni. Dan il-programm jikkonsisti primarjament biex tiżdied l-informazzjoni fost il-pubbliku ġenerali dwar il-ħtieġa ta' użu ta' enerġija alternattiva. B'hekk dan il-programm ikun ukoll komplimentari mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Enerġija Sostenibbli b'konnessjoni mal-Patt tas-Sindki.

xvi. Claudette Abela Baldacchino, producer tal-programm Konfini mill-Pjazza, bagħtet kopja tal-ftehim biex isir il-programm mill-Pjazza tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim għandu jiġi iffirmat biex il-programm ikun jista' jsir. Ir-recording tal-programm ser issir fl-14 ta' Lulju.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.10pm.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Awwissu, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |